*- COUNTRY LANE -*

*- "ALL THINGS BEING EQUAL" - RESPONSABILITA' APPORZJONATA -*

*- PARA. 102 TAL-HIGHWAY CODE -*

*- LIWJA - TRIQ WIESGHA GHAL TRIQ DEJQA -*

*- KAWZA PROSSIMA TAL-INCIDENT -*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI.

## IMHALLEF.

## ONOR. RAYMOND C. PACE. LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis 12 ta' Lulju 2001.

**Kawza Numru.: 3**
**Citaz. Numru.: 1727/96/RCP**

**Sebastiano u Rita konjugi Guccione**

**vs**

**Suzanne Schembri.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol 1 tal-process fejn gie premess:

Illi l-vettura proprjeta' tal-atturi kienet involuta f'incident awtomobilistiku li sehh fis-7 ta' Frar 1996 f'xi 12.55.p.m. f'tal-Ibragg Road, St. Andrews mal-konvenuta, meta impjegat tal-attur, certu Carmelo Dandolo kien qed isuq il-vettura tal-marka Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni D - 5792 u l-konvenuta kienet qed isuq l-vettura tal-marka Vitara bin-numru ta' registrazzjoni S - 0899; u li tali incident sehh tort unikament tal-konvenuta minhabba imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku; u li kawza ta' tali incident l-atturi sofrew danni konsiderevoli fil-vettura taghhom.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lil din il-Qorti sabiex:-

(1) Tiddikjara illi l-incident awtomobilistiku li sehh fis-7 ta' Frar 1996 f'Ta' L-Ibragg Road, St. Andrews bejn il-kontendenti sehh unikament tort tal-konvenuta; u

(2) Tillikwida id-danni sofferti mill-atturi a kawza ta' tali incident;

(3) Tikkundanna lill-istess konvenuta thallas lill-atturi s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess atturi a fol. 3 tal-process.

Rat l-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti mac-citazzjoni attrici a fol. 4 sa 7 tal-process.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenuta a fol. 12 tal-process fejn ecceppiet:-

(1) Illi l-incident tat-traffiku meritu tal-kawza ma garax tort taghha izda gara unikament tort u htija tas-sewwieq Carmelo Dandolo li waqt li kien qed isuq il-vettura numru D - 5792 go l-Ibragg Road minhabba nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku u *speed* sperikolat habat mal-vettura tal-konvenuta.

(2) Illi stante li l-eccipjenti ma kienitx responsabbli ghall-incident l-ebda ammont ma huwa dovut minnha lill-atturi bhala konsegwenza ta' dan l-incident.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta fol. 12 tal-process.

Rat il-lista ta' xhieda u l-elenku ta' dokumenti esebiti a fol. 13 sa 16 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tal-11 ta' Marzu 1997, 10 ta' Novembru 1997, 11 ta' Marzu 1998, 26 ta' Ottubru 1998, 9 ta' Gunju 1999, 30 ta' Gunju 1999, 1 ta' Marzu 2000 quddiem il-Qorti diversament presjeduta.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti nkluzi dawk tal-31 ta' Mejju 2000, 31 ta' Ottubru 2000, 12 ta' Dicembru 2000, 17 ta' Jannar 2001, u 27 ta' Marzu 2001 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-12 ta' Lulju 2001.

Rat ix-xhieda u d-dokumenti kollha prodotti.

Rat in-Noti ta' Osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-dokumenti l-ohra kollha esebiti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi d-dinamika tal-incident hija wahda pjuttost cara u tikkonsisti fil-fatt, li dwaru l-partijiet jaqblu, li l-vettura Reg. No. D - 5792, misjuqa minn Carmelo Dandolo,

kienet qed issuq gio l-Ibragg Road, St. Andrews fid-direzzjoni opposta li fiha kienet ghaddejja l-konvenuta, li kienet qed issuq il-vettura taghha tal-marka Vitara Reg. No. S - 0899.

Illi l-partijiet jaqblu wkoll li l-punt fejn sar l-incident ma setghawx jghaddu zewg karozzi ghaliex it-triq hija dejqa, kif *di piu'* jidher mill-iskizz redatt mill-pulizija a fol. 16 tal-process. Jidher ukoll li minn fejn kienet gejja l-konvenuta t-triq hija wkoll iktar wiesgha, u hemm ukoll daqsxejn ta' liwja fejn ovvjament it-triq tidjieq.

Illi jekk wiehed jara ix-xhieda prodotti, jirrizulta li **Carmelo Dandolo** sostna li huwa kien ghaddej fl-istess triq mill-inhawi Tal-Ibragg sejjer lejn in-Naxxar, u meta wasal fil-punt fejn hemm id-dawra, ra karozza gejja b'certu velocita` w allura huwa gibed fuq in-naha tieghu kemm jista' jkun, pero' l-karozza l-ohra xorta laqtitu bi sbrixx, u habtitu mal-hajt. Fil-fatt sostna li bejn il-karozza tal-konvenuta u l-hajt tan-naha taghha kien hemm xorta xi zewg metri u nofs, mentri bejnu u bejn il-hajt kien hemm ftit inqas minn metru.

Illi xehed ukoll l-**Ispettur Raymond D'Anastasi** li sostna li l-okkorenza u l-iskizz saru minn PS 463 Alfred Magri li ma kienx ghadu fil-korp, u fl-istess okkorenza inghad illi:-

*"Is-sewwieq ta' D - 5792 stqarr li meta kien qed isuq f'tal-Ibragg lejn il-Mekkek x'hin fid-direzzjoni opposta ra vettura S - 0899, zamm brake izda il-vettura xorta habtet mieghu u gie mitfugh fuq il-hajt tas-sejjieh, fil-waqt li s-sewwieq ta' vettura S - 0899 stqarret li meta kienet gejja kontra d-direzzjoni tal-van D - 5792 meta rat u indunat li ser tahbat zammet il-brake, izda dan ma kienx bizzejjed u habtet".*

Il-**konvenuta Suzanne Schembri** sostniet li hija kienet qed issuq fl-istess triq li hija triq tal-kampanja, u sostniet li l-habta grat ghaliex hija zammet il-brake ezatt kif daret id-dawra, u s-sewwieq l-iehor lanqas ghamel dan, izda l-iehor baqa' diehel l-ewwel gol-hajt, imbaghad fuqha. Sostniet li fejn saret il-habta zewg karozzi ma jghaddux, u kompliet li hija kienet kemm jista' jkun mal-hajt u mhux il-barra daqs kemm indikat fl-iskizz. Tenniet li hija ma kellhiex hsara fuq in-naha tax-xellug tal-karozza taghha. Qalet ukoll li din it-triq issuq minnha darbtejn kuljum, u qabel ma daret id-dawra naqset ftit il-velocita', ghaliex qabel minhabba l-liwja ma tkunx tista' tara l-karozzi li gejjin.

Illi x-xhieda ta' **Debbie Vella** li kienet mal-konvenuta fil-hin tal-incident sostniet biss li it-triq qabel ma tigi ghalfejn sar l-impatt hija iktar wiesgha, u peress li hemm dawra qabel mat-triq tidjieq, wiehed ma jistax jara l-karozzi gejjien mid-direzzjoni opposta.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, il-kawza prossima tal-incident *de quo,* kien is-sewqan traskurat min-naha tal-konvenuta stante li mill-provi prodotti jirrizulta li ghalkemm hija kienet konxja tal-fatt li kienet fi triq li kienet ser tidjieq b'mod li ma kienux jghaddu zewg karozzi *abreast*, u diehla f'liwja, tant li ma setghatx tara l-karozzi gejjien minn qabel il-liwja mid-direzzjoni opposta, hija xorta baqghet issuq, bil-konsegwenza, li kif dahret sabet lis-sewwieq l-iehor ma wiccha, dahlet fih, u dahlitu gol-hajt. Fil-fatt jirrizulta mill-iskizz tal-pulizija, li kontrarjament ghal dak li sosniet l-istess konvenuta fix-xhieda taghha, nonostante li hija kienet taf li t-triq tidjieq wara l-liwja, hija xorta kienet il-barra sew mill-hajt tas-sejjiegh tan-naha taghha, bir-rizultat li hija baqghet diehla fuq l-karozza tal-attur, u imbuttatu mal-hajt.

Illi fil-fatt mill-iskizz, u mill-posizzjoni tal-*brake marks* li halliet il-karozza tal-konvenuta, jidher car li kienet il-vettura tal-konvenuta li baqghet diehla fil-karozza tal-attur, u wkoll li l-karozza tal-konvenuta hija maqlugha sew il-barra mill-hajt tas-sejjiegh tan-naha taghha.

Illi dan jikkontradixxi ghal kollox il-versjoni tal-istess konvenuta, li hija kienet vicin l-istess hajt, u kien is-sewwieq tal-karozza l-ohra li l-ewwel habat maghha, u mbaghad baqa' diehel gol-hajt. Anzi mill-*brake marks* li halliet il-karozza tal-attur, li jidhru dritti fuq l-istess skizz, jidher car, li l-istess sewwieq tal-karozza tal-

attur kien il-hin kollu miexi vicin sew il-hajt tan-naha tieghu, b'mod li mal-inqas kuntatt bil-habta mal-karozza l-ohra tal-konvenuta, huwa spicca li habat mal-hajt tan-naha tieghu.

Illi fil-fatt l-istess konvenuta, konxja tal-fatt, li l-karozza taghha giet indikata fl-istess skizz, li hija maqlugha sew mill-hajt tan-naha taghha, sostniet li l-iskizz f'dan il-punt huwa zbaljat, ghaliex hija kienet izjed vicin il-hajt. Pero' din il-Qorti ma thossx li dan huwa l-kaz, ghaliex apparti l-inkonsistenza li hemm fix-xhieda tal-konvenuta li gew fuq esposti, jidher li l-iskizz, redatt minn l-unika persuna indipendenti f'din il-kawza, jirrifletti dak li l-istess surgent sab meta huwa investiga l-kollizzjoni *de quo,* u wkoll jirrizulta li huwa konsistenti mar-risultanzi kollha li hemm indikati wkoll fl-istess skizz.

Illi inoltre jidher li l-konvenuta naqset li zzomm *proper look out* u wkoll tirregola l-investiment tal-vettura taghha prudentement, stante li konxja tal-fatt li kienet diehla minn triq pjuttost wiesgha, ghal wahda dejqa, u wkoll li kienet trid tghaddi minn go liewja, li ma kienitx taf x'gej minnha, hija xorta wahda ghazlet li tidhol fl-ghama go fiha, bil-konsegwenza, li kif dahret sabet lill-karozza l-ohra fuqha, u b'hekk minhabba dan in-nuqqas ta' prudenza taghha, hija poggiet ruhha f'*self inflicted incapacity*, li nonostante l-azzjoni evasiva li hija ppruvat tiehu *in the agony of the collission* dan

kollu kien tard wisq, u b'hekk ma setghatx tevita l-kollizzjoni.

Illi jidher ukoll li abbazi tal-paragrafu 102 tal-*Highway Code,* fejn jirrikjedi li vettura li tkun l-iktar qrib il-parti wiesgha tat-triq ghandha tirriversja sabiex thalli l-vettura l-ohra tghaddi, jimponi obbligu fuq min ikun gejn minn parti wiesgha tat-triq, li jcedi lill-karozza l-ohra fid-direzzjoni opposta li tkun gejja minn parti dejqa tat-triq, u dan dejjem sabiex it-traffiku jibqa' ghaddej, u jidher li f'dan il-kaz il-konvenuta, konxja ta' l-istess inhawi, (li sostniet li tghaddi minnhom almenu darbtejn kuljum), naqset li tiehu din il-prekawzzjoni, u baqghet ghaddeja qiesha miexja fi triq normali.

Illi din il-Qorti hadhet konjizzjoni tas-sentenza **"Aaron Scicluna vs Paul Azzopardi"** (P.A. JSP tal-15 ta' Jannar 1993) fejn l-istess Qorti sostniet li fil-kaz ta' toroq fil-kampanja, fejn it-triq fejn issir il-habta ma tkunx dritta u l-wisgha taghha jvarja l-hin kollu, r-responsabilita' ghandha tigi proporzjonata bejn iz-zewg kontendenti.

Illi pero' il-fattispecie ta' dan l-kaz huma ben differenti minn dak trattat fl-istess sentenza citata, stante li hawn wiehed qed jittratta mhux fuq semplici *country lane 'ut sic'*, izda wkoll fejn ghandek karozza li diehla minn parti wiesgha tat-triq, tghaddi minn liwja, u sussegwentement it-triq tidjiq, li jimportaw obbligi

differenti ghas-sewwieqa, minn dik konsidrata fl-istess sentenza. *Di piu`* tali principju hemm ennuncjat japplika fejn l-obbligi jkunu ugwali ghaz-zewg partijiet gejjien mid-direzzjoni opposta u *all things being equal*, li f'dan il-kaz certament ma jezistix, peress li l-obbligi tas-sewwieq tal-karozza tal-attur, kienu ben differenti minn dawk tal-konvenuta. Illi ghalhekk tali principju indikat fis-sentenza citata ghalkemm korrett ma japplikax ghall-kaz *de quo* minhabba proprju il-*fattispecie* differenti tal-kaz odjern, inkluz il-konfigurazzjoni tat-toroq ezaminati.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-kawza prossima tal-incident *de quo* kien is-sewqan negligenti, traskurat, u minghajr attenzjoni tal-istess konvenuta, li ghandha tinzamm unikament responsabbli ghall-incident in ezami. Min-naha l-ohra ma hemm xejn li din il-Qorti tista' ticcensura fis-sewqan tas-sewwieq tal-karozza tal-attur, u ghalhekk it-tort tal-kollizzjoni huwa esklussivament dak tal-konvenuta.

Illi taht dan l-aspett, l-ewwel talba attrici ghanda tigi milqugha.

## **<u>III. LIKWIDAZZJONI TA' DANNI.</u>**

Illi minn Dok. "FGC 1" a fol. 29 tal-process jirrizulta li l-attur nefaq l-ammont ta' Lm963.04 sabiex sewwa l-

karozza tieghu, kif tindika l-istess ricevuta mahruga minn ‘Palma Garage’ ta’ Valletta Road, Mqabba, u l-ircevuti tal-*ispare parts* hemm indikati, jinsabu sopportati b’ircevuti ohra mahruga minn ‘Alf. Gatt Auto Parts’ ta’ Luqa Road, Qormi, esebiti bhala Dok. “I 1”, “I 2” u “I 3” rispettivament a fol. 37 sa 39 tal-process.

Illi l-istess ricevuta giet wkoll ikkonfermata minn Giuseppe Palmieri tal-istess ‘Palma Garage’ kif jidher mix-xhieda tieghu tas-17 ta’ Jannar 2001, u peress li l-istess ammont ta’ hsarat huma ragonevoli, gew ikkonfermati, u ma humiex kontestati, din il-Qorti tillikwida d-danni sofferti mill-attur kawza ta’ tali incident fl-ammont ta’ disa’ mija, tlieta u sittin lira Maltin, u erba’ centezmi (Lm963.04).

## IV. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuta, **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi:-

(1) Tiddikjara illi l-incident awtomobilistiku li sehh fis-7 ta’ Frar 1996 f’Ta’ L-Ibragg Road, St. Andrews bejn il-kontendenti sehh unikament tort tal-konvenuta; u

(2) Tillikwida id-danni sofferti mill-atturi a kawza ta' tali incident fl-ammont ta' disa' mija, tlieta u sittin lira Maltin, u erba' centezmi (Lm963.04);

(3) Tikkundanna lill-istess konvenuta thallas lill-atturi s-somma hekk likwidata ta' disa' mija, tlieta u sittin lira Maltin, u erba' centezmi (Lm963.04) in linja ta' danni kif premess.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**12 ta' Lulju 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**12 ta' Lulju 2001**